L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 11 ta' Lulju, 2003

# Roadmaps

Il-kelma *roadmaps* ghalkemm ilha zmien tezisti fid-dizzjunarju, donnha dan l-ahhar, saret *buzz word*. Bl-idea tar-*roadmap* ma nistghux nghidu li l-Amerikani qeghdin jaghmlu xi success bil-medjazzjoni taghhom ghall-pjan ta' paci fil-Lvant Nofsani. It-toroq li qeghdin ikollhom jghaddu minnhom huma proprju bhal dawk Maltin – kollha hofor, hotob u bokok! L-istess kelma smajtha uzata fil-politika Maltija. Nittama li s-success li jinkiseb b'din il-kelma ma jkunx bhal dak tal-pjan ta' paci bejn Izrael u l-Palestinjani.

Izda, illum, xtaqt indawwar harsti – ghal darb'ohra – lejn ir-*roadmap* (mappa tat-toroq) ta' veru ta' Malta. Imbierek ikun dak iz-zmien meta l-Maltin ma jgergrux iktar dwar it-toroq!

Tant ma nimmaginawhx dak iz-zmien li tlifna kull tama li xi darba jista' jasal! Tant kwalunkwe sforz jidher qisu qatra f'ocean li ghad baqghalna eternità sakemm nistghu nkunu kuntenti! U mbaghad ghandna habta kif triq li nghalqet insibu raguni nergghu nifthuha.

Dan l-ahhar donnhom ghamluli xi maghmul! Iltqajt ma' hafna porkeriji fit-toroq fejn kont. U smajt hafna stejjer fuq it-televizjoni. Kien dan li proprju qanqalni li jien ukoll nikteb dwar it-toroq tal-qamar... skuzawni... ta' Malta! Esperta tat-toroq m'inix. Lanqas perit! Izda se nirrakkonta ftit mill-atrocitajiet li ltqajt maghhom.

## ***Zebra crossing*** **imnehhija**

Hdejn il-monument ta' l-Imsida – wahda mill-aktar arterji tat-traffiku fejn min jaf kemm-il elf karozza jghaddu kuljum, in-naha ta' l-Ghassa tal-Pulizija – mort naqsam ghall-*bus stop*. Mentri qabel kien hemm *zebra crossing* komda (jekk tista' xi darba thossok komda f'dak it-traffiku kollu!) sibt li, l-hadid tkompla, u m'hemm l-ebda fetha jew spazju fil-hadid minn fejn wiehed jista' jghaddi bil-mixi. L-unika fetha hija minn fejn jghaddu l-karozzi li jidhlu hdejn il-monument; jipparkjaw.

M'ghandniex xi nghidu l-*bus stop* ta' faccata jservi ta' attrazzjoni kbira biex wiehed jaqsam! Ghax min ikun bil-mixi kif se jaqsam? Jimxi sa fejn l-ewwel *crossing* tal-*Marina*? U jaqsam tliet *zebra crossings*? Iz-*zebra crossing* ta' l-art intfew u jaghtu indikazzjoni li m'ghadhomx jezistu, imma ambigwi hafna.

Is-sewwieqa jithawdu u, biex taqsam it-triq, donnok trid tiddependi minn fuq il-*buona volontà* taghhom. Izda, ma ninsewx li f'din it-triq hemm xi tliet *lanes*, u, karozzi jistghu jigu minn tliet bnadi. Ghajnejn tal-kamaleonte mhumiex bizzejjed! Tispicca trodd is-salib u titlob li x'hin tigi biex taqsam int, ma jghaddix xi mignun! U jien ghadni zghira, u jien niflah nigriha! Xi anzjan bil-bastun, mara bix-xirja jew *pushchair* jew b'xi tlett itfal zghar maghha, liema qaddis titlob? Ma nafx min iddecieda li johloq din il-porkerija, imma min hu, veru miskin! Sfortunatament nistenna li nisimghu b'xi hadd li ttajjar hemmhekk ma ndumux. Miskin dak li jkun! U t-tort ta' min?

## **L-isptar** ***Mater Dei***

Xi kultant nibda nitbissem. Kulhadd jaf iwahhal tabella li tghid "*works in progress*", "*dead ends*" 'l hemm u "*dead ends*" 'l hawn, jew xi "*sorry for any inconvenience*". Imma, ma nahsibx li lill-familji ta' zewg persuni li naf bihom jien, bhal ma jaf kulhadd, dik ta' Sonny Monte li, litteralment tilef hajtu, u l-ohra, ta' persuna minn Birkirkara li, kienet fil-periklu tal-mewt wara habta fl-istess triq, se jikkuntentaw b'xi "*sorry for any inconvenience*"! Mela l-Gvern jiftah triq u jhalliha bil-*barriers* ghal

sentejn. Ta' l-isptar *Mater Dei* ilha diga' 'l fuq minn tliet xhur zgur miftuha. Tghid ghandna xi sentejn ohra bil-*barriers*? Mulej, zomm idejK fuqna l-Maltin!

Nistaqsi, min jaf kemm-il incident isehh minhabba s-semplici fatt li t-toroq taghna jitbiddlu kull tant zmien – devjazzjonijiet 'l hemm u devjazzjonijiet 'l hawn, u wiehed ma jaf qatt meta ser tigi lura ghan-normal. Allahares ma tinnotax it-tabelli biz-zebgha friska li jitwahhlu bhall-faqqus kuljum! Il-poplu Malti huwa tabilhaqq poplu hanin! Tghid m'ghandux dritt min mietlu membru tal-familja li jfittex il-Gvern ghad-danni jew lil min ikun hati bil-Qorti ghall-kumpens?

Jekk ic-cirkostanzi jkunu kollha tajbin hemm hafna lok ghall-kawzi fil-fehma tieghi. L-isfortuna hi li noqoghdu lura. In-nies ma jafux id-drittijiet taghhom. Jista' Gvern ihalli triq f'dak l-istat ghal daqstant zmien?

Bin-negligenza tal-Gvern, ghandhom imutu n-nies, iweggghu serjament, iweggghu hafif, ikissru l-karozzi ghax jaqghu fil-gandotti jew jahbtu mal-*barriers*?

Nigu ghal dan, anke min sempliciment jilwi saqajh fuq bankina, ghandha tkun lixxa mhux bil-hofor, u tiela' u niezel. Ghandu kaz ta' *zebra crossing* imhassra jservi proprju biex jittajjar xi hadd? Ghandhom il-"*pedestrians*" jigu mgieghla mill-Gvern stess, minhabba li tinghalaq fetha fil-hadid bhal ta' l-Imsida kif semmejt hawn fuq, jimxu qalb it-traffiku bla bankina u bla *zebra crossing*? Ghandhom jinfethu iktar kawzi lill-Gvern tan-negligenza tieghu halli, idumu kemm idumu ghaddejjin, almenu joholqu kuxjenza? Jafu c-cittadini li ghal dawn il-kazijiet ghandhom dritt jitolbu kumpens kbir ghal hajjithom kollha?

Ma ninsewx li fil-kostruzzjoni ta' l-istess sptar, sa fejn niftakar jien, tilfu hajjithom zewg persuni ohra.

**Linji sofor**

Mort nipparkja Bugibba. Dan f'xis-6.00p.m. mhux bil-lejl, tafux! Tant sar hemm linji sofor li sar impossibbli kwazi daqs Pacevelle li tipparkja. Hemm bzonn f'pajjiz zghir daqs taghna naghmlu kwazi linja safra li tiehu spazju ta' zewg karozzi f'kantuniera? Mhux talli hekk, talli tant sar hemm *one-ways* Bugibba li tispicca tasal San Pawl tfittex il-*parking*. Nofs il-pjacir jispicca jmurlek sakemm tipparkja. Jew inkella tipparkja dubjuz u taghmel is-serata thewden stajtx tipparkja hemmhekk ghax jigi xi *warden* u jgieghlek thallas xi Lm20! Kif qeghdin jghinu dawn il-problemi kollha ta' *parking* ta' Bugibba lis-sidien tal-hwienet?

Naf li m'ghandux ikun hemm *parking* kullimkien, imma lanqas m'ghandu jimtela kullimkien linji sofor!

Jekk l-awtoritajiet jafu li l-post huwa frekwentat hafna, ghandhom jaghlqu ghajn wahda fejn jaraw li certi dawriet m'humiex perikoluzi, jekk ikun hemm karozzi pparkjati maghhom, u jaghmlu linji sofor madwar dawk biss li huma perikoluzi. L-idea li jithallew liberi xi kisriet hija tajba, imma l-pratticità ghandha wkoll tiddetta xi affarijiet.

***Wardens***

Ma nixbax nghidha! F'ghaxar snin insuq, kull ma qlajt citazzjni wahda minghand il-pulizija, u rbahtha! Minn mindu nholqu l-*wardens*, din is-sena, hallast jew ghandi nhallas xi Lm60 u fuqhom! Dan meta jien, *insurance cover full comprehensive*, inhallas ftit iktar minn Lm150.

Ma nhossnix assolutament xi sewwieqa li nipprova nikser ir-regoli tat-traffiku u lanqas tal-*parking*, u erbat ijiem ohra nispicca nhallas multi daqskemm inhallas *insurance* f'sena! Bid-differenza li l-*insurance* isserrahli mohhi li, gara x'gara, thallasli hi! Min huwa traskurat fis-sewqan u fil-*parking* kemm qieghed ihallas multi fis-sena?

**Trakkijiet bil-pitrolju**

Cemplitli mara ftit ilu li dejjem ivvotat lin-Nazzjonalisti. Kienet irrabjata mmens. Sidien tat-trakkijiet, tant qeghdin ikollhom ihallsu licenzji u permessi, u rati ohrajn bhal meta jarmu fil-famuza mizbla tal-Maghtab, li qaltli kwazi kostretti jhalltu pitrolju biex jahdmu bi qligh. Tghid dan minnu? Tghid kieku lis-sidien ta' dawn l-ingenji l-kbar, ma nfexxux naqra iktar ghalihom, ma jsirux huma wkoll ambjentalisti bhalna?

Min ma jkunx jahdem f'dak ix-xoghol ma jkunx jifhem, u jkun jahseb li min ghandu trakk qisu ghandu karozza. Izda dan mhux minnu. M'huwiex tort tal-Gvern ukoll li jgholli licenzji, permessi, dhul fil-mizbla biex igib sitwazzjoni fejn jekk xufier jobdi r-regolamenti johrog bit-telf. Dawn ghandhom dritt irabbu familja?

Smajt li minhabba l-ispejjez kbar li qeghdin jiffaccjaw xufiera ta' trakkijiet, xi whud minnhom, flok jarmu fil-mizbla jarmu x'imkien iehor. Hekk zgur tigihom irhas!

Ghandek tfassal strategija fejn dak li jarmi barra jiffranka d-*diesel*, u ma jhallasx dhul, imma, jinqabad jehel multa u, dak li jipprova jobdi l-ligijiet jehel hlasijiet li jammontaw iktar mill-multi, u jhalluh bla qligh? U l-pubbliku lil min jikkritika? Mhux lix-xufier! Heqq! Il-Gvern jahsel idejh! Viva l-ambjent!

**Sriebet ta' haddiema**

Ma ninsewx li qabel l-elezzjoni – fi zmien hmistax – tlestiet it-triq ta' Burmarrad u, fost ohrajn, tlesta wkoll ic-centru sportiv tal-Kottonera. Gurnata qabel ma fetah ufficjalment ic-centru, persuna li naf jien, kienet mistiedna tmur hemm. Sabet sitwazzjoni komika. Kulhadd jahdem bla heda; biex dak li ma sarx f'hames snin, isir f'gurnata! Il-haddiema qalulha li ma setghetx tidhol, izda x'hin qaltilhom li kellha appuntament hemmhekk, investigaw u hallewha tidhol.

L-ghada meta marret ic-Centru ssib ic-centru mibdul u lest. Mela jekk kapaci nlestu triq fi zmien hmistax u niffinalizzaw centru sportiv fi zmien jumejn proprju lejliet l-elezzjoni, ghax ma nimxux bl-istess ritmu l-hames snin kollha?

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*